# Il-Purċissjoni votiva ta' San Girgor

Michael Grima

"Tasal għajjiena l-ġilwa mill-irħula,
Liebsa kull lewn, ilbies lelliexi u ħlejju;
Wara titlob in-nies fin-newl mirfuda,
Tfewwaħ mnejn jimxu t-triq b'riħet il-plejju."

*mill-poeżija*
***"San Girgor f'Għawdex"** ta' Ġorġ Pisani*



*Il-kommunità ta' Sannat flimkien mal-kleru fil-purċissjoni ta' San Girgor tal-1913*

B'rabta mal-festa ta' San Girgor li ssir f'Marzu ta' kull sena f'Ta' Kerċem, kienet issir il-purċissjoni votiva li kienet titlaq mill-Katidral t'Għawdex għall-parroċċa tagħna. Din il-purċissjoni kien ikollha stennija qawwija għax kienet issir b'sollennita' kbira u fiha kienu jieħdu sehem is-saċerdoti ta' kull parroċċa, il-patrijiet tal-kunventi Għawdxin, il-kleru tal-Katidral u anke l-Isqof t'Għawdex. Jingħad li bħala sinjal ta' penitenza f'dan iż-żmien tar-Randan, l-Isqof kien jilbes il-kappell l-aħdar.

Il-festa ta' San Girgor kienet festa folkloristika u tradizzjonali. In-nies kienet taħseb minn kmieni biex tagħmel xirja tajba tal-qubbajd tal-ġulġliena, abjad bil-lewż u iswed bil-karawetta – li kien jinbiegħ dak in-nhar. Kienu ħafna dawk li kienu jixtri biċċtejn qubbajd tal-għażla tagħhom u jgeżwruh ġo xi maktur abjad li kien ikollhom. Dari il-bejjiegħa tal-qubbajt kienu jarmaw l-imwejjed tagħhom ħdejn il-Banca Giuratale, jħarsu lejn it-Telgħa tas-Sur.

In-nisa kienu jżanżnu dbielet apposta bi strixxi drapp meħjuta barranija mit-truf, xi drabi mrikkba u mħollija jperpru, jew bil-ġmiegħ bħala tiżjin jew tiżwiq. Ma kienx jonqos li dawn jiddandnu b'deheb fin bħal ċrieket, labar u msielet, waqt li mat-tbexbix

tal-għodwa jarmam il-bhejjem u l-karettuni tagħhom u jerħulha ċeklem ċeklem lejn il-Belt Vittorja flimkien ma' żewġhom mlibbsa bl-aqwa surtuni.

Mhux magħruf sew x'kienet ir-raġuni għaliex bdiet tinżamm din il-purċissjoni. Hemm min igħid li forsi din kienet issir minħabba xi wegħda lil San Girgor biex iħares lill-poplu Għawdxi mill-qawwa tal-għadu. Oħrajn isostnu li peress li San Girgor kien il-protettur tal-marda kiefra tal-pesta, din il-purċissjoni setgħet kienet marbuta ma' xi wegħda lil dan il-qaddis kbir biex tittaffa l-qilla tal-imxija tal-istess marda kiefra. Madankollu l-istoriku Achille Ferris jtenni li din il-purċissjoni ma kenitx issir b'konnessjoni mal-imxija tal-pesta iżda minħabba xi għan ieħor.

Jekk inħarsu lejn l-istorja ta' gżiritna, insibu li fl-1581 Għawdex inħakem minn maltempati kbar b'kesħa u xita bil-qliel li damet nieżla għal madwar ġimgħa. Ta' min igħid ukoll li f'dak iż-żmien is-Saraċini kienu qed jheddu li jaħkmu 'l Għawdex u għalhekk bosta Għawdxin kellhom idabbru rashom lejn Malta għall-post iktar kenni. Apparti dan pajjiżna kien milqut minn terremot qawwi li kkaġuna bosta ħsarat u mwiet.

L-Għawdxin, milquta minn dan il-għawġ u għax kienu insara devoti daru lejn San Girgor u bdew jitolbuh jidħol għalihom biex jeħlishom minn dan is-saram. Bħala turija ta' qima lejh huma bnew knisja f'Għar Għerduf. Il-għożża u r-rabta mill-qalb lejn din il-knisja kienet bdiet tikber sew u ħafna kienu dawk li ta' kull sena fil-jum tal-festa, kienu jżuru dan il-maqdes u jitolbu lil San Girgor tal-grazzji kbar li kienu qalgħu bl-interċessjoni tiegħu.

Għall-ewwel snin il-purċissjoni ta' San Girgor kienet tintemm f'din il-knisja fir-raba ta' Għar Għerduf. Dan jidher fl-Atti tal-Vista tal-Isqof Fra David Cocco Palmieri fis-sena 1699 fejn qalilna li fil-jum tat-12 ta' Marzu kienu jsiru l-Għasar, Quddiesa Kantata u purċissjoni solenni bil-Kapitlu, Kleru, Sekulari u Regulari bil-Fratellanzi u l-poplu ta' din il-gżira. Wara li l-purċissjoni kienet tinżel f'din il-knisja u n-nies għal tliet darbiet ittenni mal-Kappillan "Misericordia", jiġifieri ħniena, kulħadd jerġa' lura lejn il-Knisja Kolleġġjata, illum il-Kattidral. Il-knisja ta' Għar Għerduf imbagħad kienet ġiet invaduta mit-Torok u fiha wettqu ħerba sħiħa. Maż-żmien inbniet il-knisja l-ġdida parrokkjali u fl-1852 din l-istess purċissjoni ta' kull sena kienet toħroġ mill-Matriċi u tmur għal din il-knisja l-ġdida ta' San Girgor. Bħala sinjal li l-purċissjoni kienet se ssir meta t-temp ikun tajjeb kien jispara kanun mal-erbgħa ta' filgħodu.

Sfortunatament iżda, fis-sena 1968 din il-purċissjoni twaqqfet għal kollox u wara din il-purċissjoni bdiet issir f'forma ta' pellegrinaġġ qasir, normalment jitlaq minn pjazza Salvatore Busuttil għall-knisja parrokkjali.

Għalkemm din il-purċissjoni m'għadhiex ssir, kienet mezz biex l-Għawdxin jingħaqdu u jgħixu qrib iżjed ta' xulxin u flimkien. Din it-tradizzjoni u ġrajja fl-istess ħin kienet tfisser għamla ta' kultura mwaħħda fil-folklor tal-ħajja soċjali ta' gżiritna.



*L-Isqof Gonzi u l-Kapitlu Katidrali fil-purċissjoni ta' San Girgor tal-1927*



*Il-poplu ta' Kerċem flimkien mal-Kappillan Grima fil-purċissjoni ta' San Girgor fl-1962*